MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 10/2006

**Andrew Briffa**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-26 ta' April, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tat-12 ta' Jannar 2005 fejn cahad it-talba ta' Briffa ghall-Allowance tat-Tfal peress li d-dhul tieghu kien jeccedi l-ammont previst mil-ligi.

Ra l-appell ta' Briffa permezz ta' l-ittra tieghu tas-7 ta' Frar 2005 fejn issottometta li fil-kalkoli tieghu id-Direttur kien ha l-profitt ta' sena minghajr ma kkonsidra t-telf li kien

akkumulat mas-snin precedenti meta s-socjeta` tieghu kienet kwazi fi stat ta' falliment.

Illi dan l-appell giet trattat fit-tul u anke saret nota ta' sottomissjonijiet mir-rapprezentant ta' l-appellant li wkoll irriferiet ghall-istess Artikolu rilevanti li skond id-Dipartiment kien dahal fis-sehh b' Att II ta' l-1999; ghalkemm l-ahhar parti dan l-Artikolu jikkontempla certa diskrezzjoni ghad-Direttur, il-kliem uzat huwa wiesgha u jinkludi sitwazzjonijiet simili ghal dawk spjegati mill-appellant, u li ghalhekk id-Direttur seta' wasal ghall-imsemmija decizjoni tieghu.

Ma jirrizultax li din id-decizjoni kienet kontra id-disposizzjonijiet tal-ligi u ghalhekk dan l-appell qed jigi michud."

Dan hu appell ta' Andrew Briffa fil-konfront tar-ri-prodotta sentenza bazat fuq il-premessa illi huwa hassu aggravat biha meta l-Arbitru cahadlu l-appell tieghu quddiemu in raguni ghal kunsiderazzjoni illi d-decizjoni tad-Direttur ma kienetx kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi, ossija l-Artikolu 1 (a) tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda kombinat ma' l-Artikolu 76 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Artikolu dan ta' l-ahhar li jitratta mid-dritt ghall-Allowance tat-Tfal;

Bhala fatt irrizulta illi l-appellant kien applika ghac-Children's Allowance izda din giet irrifjutata lilu fuq l-assunt illi "d-dhul totali tas-sena 2003 kien aktar minn Lm10,270". L-atti istruttorji stabbilew ukoll illi l-appellanti kien azzjonist ewlieni tal-kumpanija Andre Escave Company Ltd u din ghas-sena 2003 iddikjarat qliegh ta' Lm6,347. Jinsab dikjarat ukoll illi l-appellant ma rceva ebda "*director's fees*" u li fis-snin precedenti l-kumpanija kellha telf ingenti li gabha tirrazenti stat ta' falliment;

Dan premess, il-proposizzjoni li tingibed mit-test tal-ligi fil-precitat Artikolu 1 (a) tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda hi dik illi d-Direttur ghandu s-setgha diskrezzjonali

jiddetermina jekk profitti realizzati minn kumpanija jew impriza kummercjali jkunux “disponibbli” jew “goduti” minn kap tal-familja u l-konsorti tieghu jew taghha. L-obbjezzjoni ta’ l-appellanti tidher li hi dik illi d-Direttur ma uzax kif jixraq din id-diskrezzjoni u li, anzi, kif jghid fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Arbitru, l-ezercizzju taghha kien vizzjat minn attitudni errata li ma qiesetx is-segwenti fatturi. Jigifieri:

(i) li ma kien hemm ebda distribuzzjoni ta’ profitti;
(ii) is-socjeta` kellha “*accumulated losses*” ta’ ammonti ferm akbar mill-profitti generati fis-sena 2003;
(iii) dawn il-“*pre-tax profits*” gew immedjatament “mikula” mill-kredituri stante illi s-socjeta` kienet f’ qaghda ta’ “*capital deficiency*”;
(iv) Bil-profitti li saru fis-sena *de quo* ma gie ggenerat ebda valur lis-socjeta` jew lill-azzjonisti taghha ghall-fatt li din is-socjeta` kienet fil-qaghda appena mfissra u hekk baqghet nonostante l-profitti realizzati fis-sena partkulari;
(v) l-azzjonisti la “iddisponew” u wisq anqas “gawdew” mill-profitti hekk iggenerati f’ dik is-sena;

Minn dan registrat s’ issa huwa bil-bosta evidenti illi l-appellant qed jikkwerela l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tad-Direttur u qed jinvita ghalhekk lil din il-Qorti biex tezamina u tiddeciedi jekk id-Direttur adoperax korrettement id-diskrezzjoni tieghu fl-ambitu tal-fatti konkreti maghrufa u hawn fuq kalendati. Huwa mhux qieghed jimpunja l-fatt ta’ adozzjoni ta’ l-artikolu tal-ligi riferenzjat imma biss illi fil-kalkolu tal-mezzi tieghu ma kellux jigi assommat mal-paga ta’ martu l-profitti realizzati mill-kumpanija;

Ferma din it-tezi ta’ l-appellanti, ma jistax ikun dubitat illi l-lanjanza tieghu hi indirizzata kontra l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali tad-Direttur appellat. Fuq is-suggett gja intqal diversi drabi ohra illi dan il-poter diskrezzjonali jikkonsenti illi min irid jaghti gudizzju hu fakoltizzat li jqis l-provi l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu u li sahansitra jwarrab jew jiskarta

provi ohra li hu jidhirlu nkompatibbli mad-decizjoni tieghu. Jinghad a propozitu f' dan il-kuntest mill-**Franzoni ("Il danno al patrimonio**" pagna 465) illi "*la discrezionalita`, infatti, riguarda il modo in cui il giudice assolve alla sua funzione e si risolve principalmente nella liberta` del convincimento nel decidere la controversia*";

F' dan ma hemm xejn gdid in kwantu hi l-funzjoni centrali ta' kull qorti jew tribunal adit mill-meritu illi juza l-poter diskrezzjonali tieghu fil-valutazzjoni tal-fatti quddiemu. Ezercizzju dan li kif pacifikament akkolt, Qorti ta' revizjoni "*non puo immischiarsi, meno in casi eccezionali*" (u wkoll ghall-motivi gravi). Ara **Kollez. XXIV P I p 104 u Vol. XXXVII P I p 56**). Kif postulat mill-istess natura diskrezzjonali, l-importanti hu li l-gudikant jipprovdi motivazzjoni tal-process logiku li jwasslu ghad-decizjoni;

Issa fuq l-ezami taghha tan-Nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur appellat quddiem l-Arbitru, jidher li dan ibbaza ruhu eskluzivament fuq il-fatt illi skond l-Accounts il-kumpanija ghamlet profitti ta' Lm6,347 fis-sena 2003. Dan, fil-hsieb tal-Qorti, ma kellux jigi awtomatikament u ghalhekk biss tradott fid-decizjoni illi dawk l-istess profitti kienu "ragonevolment" ser ikunu hekk "disponibbli" jew "jigu gawduti" mill-appellanti u mill-konjugi tieghu. Minn dawk l-istess Accounts li fuqhom strah l-appellanti wiehed jista' jintravvedi illi dik l-istess kumpanija kellha "*current*" u "*long term*" *liabilities* akkumulati mis-snin precedenti u li allura, ragonevolment ukoll, dawk il-profitti kellhom iservu biex itaffu parti mid-debiti. Dan hu wkoll possibbli u verosimili. Xejn ma hu eskluz. Anke din il-possibilita` kellha allura tigi mistharrga mill-appellat billi, kif saput, kull diskrezzjoni trid tigi ezercitata bil-bona fide u b' gustizzja. Anzi, l-uzu tal-poter diskrezzjonali jesigi fl-applikazzjoni tieghu illi min hu msejjah biex jarbitra ma ghandux jiehu atteggjament irrigidit jew jadotta regola komuni ghal kazijiet kollha ta' din ix-xorta. Dan ghaliex kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat *a se stante* u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja c-cirkustanzi individwali ta'

kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b' mod irrigidit u nflessibbli. Ghalkemm il-fatti ma humiex ghal kollox identici, in kwantu hemm si trattava ta' "*retained profits*" fis-socjeta` jidher li l-Qorti ta' l-Appell fil-konferma tad-decizjoni ta' l-Arbitru imxiet fuq dan l-istess *iter* ta' hsieb fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar 2000 in re "**Arthur Castillo -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**" u li, incidentalment ukoll, kienet titratta minn talba ghall-Allowance tat-Tfal;

In vista tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula u fuq l-apprezzament taghha tal-fatti, kompriz l-Accounts esebiti, u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li titbieghed mill-konkluzjoni ta' l-Arbitru u tghaddi biex takkolji l-aggravju lilha sottomess.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar is-sentenza appellata ta' l-Arbitru tas-26 ta' April 2006. Kif inhu konswet f' kazijiet simili l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------